

Domanda preliminari

Teżisti kawża bl-istess suġġett pendenti quddiem qorti oħra fis-sens tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment⁽²⁾, meta proċedura intiża għall-ksib tal-manteniment għal wild titmexxa, fil-Belġju, bejn missier il-wild u omm il-wild, filwaqt li proċedura intiża għall-ksib tal-manteniment għal wild titmexxa sussegwentement fil-Ġermanja mill-wild, li sadattant sar maġġorenni, kontra ommu?

⁽¹⁾ L-isem ta' din il-kawża huwa fittizju. Dan l-isem ma jikkorrispondi għall-isem reali ta' ebda waħda mill-partijiet fil-proċedura.

⁽²⁾ ĠU 2009, L 7, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2011, L 131, p. 26, ĠU 2013, L 8, p. 19, u fil-ĠU 2013, L 281, p. 29.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Conseil d'État (Franza) fit-28 ta' Ġunju 2023 –
Association Mousse vs Commission nationale de l'informatique et des libertés (CNIL) u SNCF
Connect**

(Kawża C-394/23, Mousse)

(2023/C 329/14)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Conseil d'État

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Association Mousse

Konvenuti: Commission nationale de l'informatique et des libertés (CNIL), SNCF Connect

Domandi preliminari

- 1) Sabiex tiġi evalwata n-natura adegwata, rilevanti u limitata għal dak li huwa neċessarju tal-ġbir ta' data fis-sens tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5(1)(c) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data)⁽¹⁾ u n-neċessità tal-ipproċessar tagħha fis-sens tal-Artikolu 6(1)(b) u (f) tal-GDPR, jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni użijiet aċċettati b'mod komuni fil-qasam ta' komunikazzjonijiet ċivili, kummerċjali u amministrattivi, b'tali mod li l-ġbir ta' data relatata mat-titoli tal-klijenti, limitat għall-kliem "Sinjur" jew "Sinjura", ikun jista' jitqies bħala neċessarju, mingħajr ma dan ikun ta' ostakolu għall-prinċipju ta' minimizzazzjoni tad-data?
- 2) Sabiex tiġi evalwata n-neċessità tal-ġbir obbligatorju u tal-ipproċessar ta' data relatata mat-titoli tal-klijenti, minkejja li ċerti klijenti jqisu li huma ma jaqgħux taħt ebda wieħed miż-żewġ titoli u li l-ġbir ta' din id-data ma huwiex rilevanti sa fejn huma kkonċernati, huwa neċessarju li jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li dawn ikunu jistgħu, wara li jkunu pprovdew din id-data lill-kontrollur sabiex jibbenefikaw mis-servizz propost, jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' oppożizzjoni għall-użu tagħha u għall-ħażna tagħha billi jsostnu s-sitwazzjoni partikolari tagħhom, skont l-Artikolu 21 tal-GDPR?

⁽¹⁾ ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sofiyski gradski sad (il-Bulgarija) fid-29 ta' Ġunju
2023 – Proċeduri kriminali kontra VB**

(Kawża C-400/23, VB II)

(2023/C 329/15)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

Qorti tar-rinviju

Sofiyski gradski sad